# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 480/2013**

Il-Pulizija

vs

**Jonathan Attard**

iben Elia, imwieled Pieta', fil-29 ta' Awwissu, 1984, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 423584(M)

Illum, 16 ta' Frar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Jonathan Attard quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar l-10 ta' Ġunju, 2013 u 1 ta' Lulju, 2013 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Raisa Micallef u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bill-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fiħ skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas dik is-somma.'

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-28 ta' Ottubru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u ikkundannatu xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Jonathan Attard tal-5 ta' Novembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha :

1. tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu l-appellant instab ħati talli ma ssominstrax manteniment għax-xahar ta' Ġunju 2013 u dana billi tilqa' d-difiża tan-ne bis in idem u tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' dik l-imputazzjoni dedotta u minnha tilliberah.

2. tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti ħati talli ma ssominstrax manteniment għax-xahar ta' Lulju, 2013 u tirrevoka l-piena inflitta u minflok tinfliġġi piena iktar idonea u inqas ħarxa li tirrispekkja l-każ in eżami.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

**1. L-aggravju tan-Ne Bis In Idem**

Jiġi sottomess illi dakinhar stess l-esponenti kien akkuzat quddiem l-istess Qorti talli:

'b'diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda għax-xhur minn **<u>Frar sa' Ġunju 2013,</u>** meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt inqast li tagħti lil omm bintek Raisa Micallef u/jew lil uliedek is-somma ffissata minn dik l-ordni jew dak il-kuntratt , ikollha titħallas dik is-somma.'

Illi b'sentenza tat- 28 ta' Ottubru 2013, li ngħatat fl-istess jum li ngħatat s-sentenza mertu ta' dan l-Appell, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kkundannat lil-esponenti għall- xahrejn priġunerija.

Illi din il-piena kienet tkopri x-xahar ta' Ġunju 2013.

Illi għalhekk l-esponenti ħassu aggravat meta dik l-istess Qorti, fis-sentenza li minnha qiegħed jiġi intavolat dan l-appell, reġgħet għal darb'oħra nfliġġiet piena fuqu talli huwa ma ħallasx il-mateniment fl-10 ta' Ġunju 2013 - piena li ġia kienet ġiet imposta fuqu permezz tas-sentenza l-oħra mogħtija dakinhar.

Illi l-prinċipju ne bis in idem huwa kristallizat u huwa fundamentali fil-kamp penali.

Illi l-esponenti jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet: Il-Pulizija vs. Joseph Balzan, deċiza minn din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, prejeduta mill-Onorevoli mħallef David Scicluna, fl-20 ta' Lulju, 2011, (Appell Kriminali 505/2010) fejn ġie ritenut, f'kaz identiku għall dan, illi: '*Kif inhu risaput, ir-regola tan-ne bis in idem kif espresso fl-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali hija aktar wiesa' minn kif formulata fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni. Filwaqt li l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar "reat kriminali" u japplika d-dottrina tan-ne bis in idem ghal dak ir-"reat kriminali" partikolari li tieghu dak li jkun ikun gie misjub hati jew illiberat u ghal "reati kriminali" ohra komprizi u involuti f'dak ir-reat kriminali partikolari1, l-artikolu 527 jitkellem dwar "l-istess fatt". L-artikolu 527, infatti, jghid hekk: "Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun suggett ghal kawza ohra" (sottolinear ta' din il-Qorti). Hu* ***Anthony Vella et.*** *App. Krim., 19 ta' Frar 1999;* ***Il-Pulizija v. Adrian Cassar Galea*** *App. Krim., 20 ta' Novembru 2000). appena necessarju li jigi osservat li ghalkemm din id-disposizzjoni titkellem dwar il-liberazzjoni ta' dak li jkun, u mhux ukoll dwar il-kundanna tieghu, il-qrati taghna dejjem interpretawha bhala li tinkludi wkoll il-kaz fejn persuna  tkun giet misjuba hatja ta' l-istess fatt (ara* ***Il-Pulizija v. Anthony Vella et.*** *App. Krim., 19 ta' Frar 1999;* ***Il-Pulizija v. Adrian Cassar Galea*** *App. Krim., 20 ta' Novembru 2000).'*

Għaldaqstant l-esponenti umilment jikkontendi li japplika l-prinċipju tan-ne bis in idem u hu ma setgħax jiġi kkundannat darbtejn talli ma ssoministrax il-manteniment għax-xahar ta' Ġunju 2013 u għalhekk il-piena nflitta fuqu hija waħda nġusta.

2. L- Aggravju - illi l-appellanti jikkontendi li l-piena nflitta fuqu hija waħda esaġerata tenut kont (i) li l-akkuza mertu ta' dan l-appell tirrigwarda x-xahar biss ta' Lulju 2013 peress li għax-xahar ta' Ġunju 2013 l-epsonenti ġia ġie kkundannat piena permezz ta' sentenza oħra u (ii) tenut kont il-fatt li l-appellant ma riedx li jaħrab mill-obbligi tiegħu imma kienet biss kwistjoni li sa dakinhar tas-sentenza appellata kien għadu mhuwiex f'posizzjoni li jħallas il-manteniment imsemmi.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rilevat li l-piena li ngħatat mill-ewwel Qorti kienet tirrifletti l-fatti li skont l-akkuza l-appellant ma ssoministrax il-mantneiment għal xahrejn u ċioe Ġunju, 2013 u kif ukoll Lulju, 2013.

Jiġi rilevat li l-piena talli tali manteniment għax-xahar ta' Ġunju, 2013 ma tħallasx minnu ġia kienet stabbilita permezz ta' sentenza oħra li ngħatat dakinhar stess u li dwarha l-appellanti ukoll pprezenta umli appell.

Illi għaldaqstant kif ritenut fl-aggravju preċedenti għall dan japplika l-prinċipju tan-ne bis in idem.

Għaldaqstant, il-piena li ngħatat mill-ewwel Qorti hija waħda esaġerata jekk wieħed iqis li ħtija tista tinstab biss fir-rigward tan-nuqqas ta' somministrazzjoni tal-manteniment għax-xahar ta' Lulju, 2013.

Għaldaqstant, l-appellant umilment jikkontendi li l-piena hija esaġerata.

Illi dwar il-fatti, u mingħajr preġduizzju għas-suespost, l-appellanti għaddej minn diffikultajiet finanzjarji kbar minħabba li mhux biss huwa kien għadu kemm fetaħ negozju sabiex jibda jipprattika bħala *tattoo artist*, liema negozju ġabu f'ħafna pisijiet u ħafna diffikultajiet finanzjarji, izda issa dan in-negozju qiegħed jisfaxxa fix-xejn u jfalli.

Illi l-appellant sab ruħu rinfaċċjat b'ċirkostanzi li ma kellux kontrol fuqhom, fejn huwa pprova jagħmel għall-aħjar izda sfalu fix-xejn.

Illi kienu d-dikjarazzjonijiet foloz tal-parte civile li wasslu sabiex jigi fis-seħħ digriet bħal dan mertu ta' dan l-appell li qiegħed iwassal lil-appellant sabiex jiskonta diversi pieni l-ħabs.

Illi fis-sentenza deċiża mill-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Publius Said** deċiż fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

'l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skruplozament.'

Illi fis-sentenza  deċiza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Azzopardi** deċiza fis-26 ta' Settembru 2011, deċiza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Prim' Imħallef David Scicluna) ġie deċiz li in vista ta' dak deċiz fis-sentenza il-Pulizija vs. Publius Said, *'konsegwentement għandu jkun hemm temperament fil-piena'* u dik il-Qorti rriformat is-sentenza appellata, rrevokata in kwantu kkundannat lill-appellant għal xahar priġunrija, u minflok kkundannatu għall-ħlas ta' *ammenda* ta' tmienja u ħamsin ewro u tlieta u għoxrin ċentezmu (€58.23), liema somma tiġi kkonvertita f'ħamest ijiem detenzjoni jekk ma titħallasx minnufiħ.'

Illi anki fis-sentenza deċiza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Gafà,** deċiz fl-1 ta' Novembru 2010 (Appell Kriminali Numru 259/2010) fejn l-imputat kien akkuzat talli ma ħallasx il-manteniment għax-xhur ta' Awissu, 2009, Settembru, 2009, Ottubru, 2009 u Novembru, 2009, l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu xahar priġunerija sospizi għal sena ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ordnatu sabiex iħallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbgħin euro (€2,048).

Illi nonostante dan, dwar din il-piena msemmija f'din is-sentenza ċitata, l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irriformat s-sentenza appellata, irrevokata in kwantu kkundannat lill-imputat Mario Gafà xahar priġunerija sospizi għal sena ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ordnat li jħallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbgħin euro (€2,048) fi

zmien tliet (3) xhur ai termini ta’ l-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u minflok a tenur ta’ l-artikolu 15 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, twiddbu biex ma jerġax u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.’

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Brincat** deċiza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-21 ta’ Mejju, 2013, l-imputat kien akkuzat talli ma’ ħallasx manteniment għax-xhur ta’ Ġunju, 2011 u Lulju, 2011, l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu xahar priġunerija sospiz għall sena ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat lill-imputat sabiex iħallas is-somma ta’ erba mitt euro (€400) fi zmien xahar ai termini tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi din l-Onorabbli Qorti kienet laqgħet l-aggravju tal-appellant dwar il-piena u bidlet u rrevokat il-piena ta’ ‘*xahar priġunerija sospiza għal sena u minflok qed tikkundannaħ iħallas amenda ta’ €58.’*

Għalhekk, tenut kont tal-verosimilta' tal-kaz tal-appellant għal dawk tas-sentenzi hawn fuq ċitati li l-appellanti jikkontendi li hemm lok għal mitigazzjoni tal-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li b'sentenza ohra li ggib l-istess data hu gja gie misjub hati ghax-xahar ta' Gunju tas-sena 2013. Din il-Qorti rat is-sentenza in kwistjoni u biex tigi evitata ripetizzjoni tal-argumenti dwar kazijiet ta' din ix-xorta qed taghmel taghha l-argumenti migjuba

mill-appellant fir-rikors tieghu li jifforma parti ntegrali ta' din is-sentenza.  Ghalhekk, l-aggravju tal-appellant qed jigi milqugh.

Illi dwar il-piena li tirrigwarda x-xhar ta' lulju, 2013, din il-Qorti hi tal-fehma li l-aggravju dwar il-piena ghandu jigi milqugh.  Dan qed jinghat ghal fatt li l-imputat qed ihallas dak kollu dovut u piena karcerarja mhiex ser tghin la lill-appellant wisq anqas lill-parte civile.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qed thassar u tirrevoka s-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda x-xahar ta' Gunju, 2013 billi qed tilqa d-difiza tal-appellant tan-'ne ibis inidem' u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena.  Dwar ix-xahar ta' lulju, 2013 tikkonferma s-sentenza appellata dwar sejbien ta' htija.  Dwar il-piena thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.